MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

It-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2016

Il-Kunsilli Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fil-6:00pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Noel Formosa ippresjeda l-laqgħa.

### 20.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.1.1 Is-SE qrat l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

20.1.2 Il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-SE u mis-Sindku.

### 20.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.2.2 Is-Sindku wera l-apprezzament tiegħu rigward ix-xogħoljiet li qed isiru fl-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill. Xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv (SE) tal-impenn tagħha dawn l-aħħar ġimgħat fejn qed tlaħħaq max-xogħol tagħha kif ukoll ma tisbieħ tal-uffiċini. Is-Sindku kompla jgħid li x-xogħol miexi ġmielu u għad fadal xi ftit affarjiet biex jitlesta kompletament.

### 20.3 Punti mill-minuti

20.3.1 Is-Sindku informa lil-Kunsilliera li s-Segretarju Eżekuttiv bdiet uffiċċjalment fl-4 ta' Ottubru. Is-Sindku ħass li pubblikament għandu juri s-sodisfazzjon tiegħu għal mod ta' kif is-Sinjura Formosa qed taqdi dmirha.

20.3.2 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li hu iltaqa mal-grupp tal-Young Enterprise. Huwa kompla billi qal li qed jipprova li l-laqgħat issiru Għawdex pero s'issa għadu ma kellu l-ebda risposta. Is-Sindku qal li bħala gruppi, hemm biss minn San Lawrenz u mill-Iskola tas-Sixth Form huwa qal li issugerrixxa biex dawn jingħaqdu fi grupp wieħed u jatttendu flimkien għal-laqgħat. Is-Sindku ippropona li għalissa l-grupp ta' San Lawrenz imorru għall-laqgħa inizjali u jaraw kif imorru.

20.3.3 Dwar il-proġett tal-Pjazza u l-funtana, is-Sindku qal li minflok il-basin, aħjar li jsir il-ġibjun sħiħ mimli u l-magna titella fuq biex jiġi kollox irregolat min hemm. Is-Sindku kompla jgħid li n-nozzles qed jinsteddu għaliex huma żgħar u għalhekk hu issuġġerixxa li nixtruhom akbar. Il-Kunsill qabel ma dan.

20.3.4 Dwar it-traffic hump f' Daħlet Pawluzzu , is-Sindku qal li diġa weħlet f' parti minnu pero billi Sqaq huwa wiesa fit-tarf, hemm bżonn li teħel traffic hump oħra. Il-Kunsill qabel ma dan.

20.3.5 Dwar il-European Mobility Week is-Sindku qal li morna tajjeb ħafna u kien hemm rispons tajjeb speċjalment għas-Swejjaq. Ir-Rebbieħa tal-#emw kienet Diane

Formosa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa jrid isir ir-rapport biex nieħdu rimbors tal-attivita.

20.3.6 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li kellu riposta posittiva mingħand is-Sur Mario Fava rigward il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u l-housing estate ta' Triq it-Torri. Il-Kunsillier Buhagiar qal li għandu jerġa jiltaqa' mad-delegat tal-Partit Laburista, is-Sur Mario Fava u jżomm lil Kunsill infurmat x'se jkun il-pass li jmiss.

20.3.7 Is-Sindku u l-Kunsillier Franco Buhagiar infurmaw lil Kunsill li kellhom laqgħa mas-Sur Piscopo tal-Malta Tourism Authority rigward l-online camera għad-Dwejra. Huma marru fuq il-post fejn se qed jiġu proposti l-cameras u ikkonkludew li l-aħjar ikunu panoramic sabiex tkun tidher il-pjanura kollha. Is-Sindku qal li ssuġerixxa li titwaħħal fuq it-torri. Huwa qal li għad fadal il-problema rigward l-internet connection. Is-Sindku issuġġerixxa li nkellmu lil Din l-Art Ħelwa biex naraw nieħdux connection minn hemm.

20.3.8 Il-Kunsillier Franco Buhagiar saqsa fejn wasalna rigward il-cameras tal-Pjazza. Is-SE qalet li kienet qed issiba diffiċli sabiex tagħmel kuntatt mal-kumpanija għaliex in-number u emejl provdut ma humiex korretti. Is-SE qalet li se tkompli tagħmel l-almu tagħha sabiex insibu kuntatt.

20.3.9 Il-kunsillier Grima saqsiet jekk kienx hemm żvilupp fi Triq Wied il-Merill. Is-Sindku qal li qed nistennew il-*patching* biex isir fuq l-istess triq.

## 20.4 Korrispondenza

20.4.1 Intbagħtet emejl mingħand is-Surmast tal-Primarja fejn talab li l-*Mural* li kien għamel il-Kunsill stess fl-iskola jiġi restawrat. Il-Kunsill qabel li jitranga mhux il-*Mural* biss iżda l-blokka kollha u għalhekk għandna nġibu stima ta' kollox.

20.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li irċivejna emejl mingħand id-Dipartiment biex isir mid term audit, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2016 sa 3 ta' Ottubru 2016. Is-SE kompliet billi qalet li bagħtet risposta lura biex titlob li billi ma tantx baqa' għall-għeluq tas-sena, isir għeluq tas-sena 2016 f'darba. Is-SE kompliet tgħid illi fl-emejl qalet li din se tkun spiża oħra li l-Kunsill jista jevita' kieku s-sena finanzjajra tingħalaq f'darba. Is-SE qalet li sfortunatament din it-talba ma intlaqgħetx mid-Direttur u l-mid term audit se jkollu jsir.

20.4.3 Inbagħtet emejl rigward MOC Sports Awards 2016. Il-Kunsill qabel li din is-sena m'huwiex se jieħu sehem.

20.4.4 Inbagħtet emejl mingħand Mario Mizzi fejn huwa talab biex il-*hangers* taż-żibel li jinsabu ma ġenb il-post nr.7 (li huwa propjetá tiegħu) Triq it-Torri jinqalgħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

20.4.5

Inbagħtet emejl mingħand Prof. Alan Deidun biex jinfurmana li ħarget il-call għall-proġett Italia-Malta u għalhekk saqsa jekk aħniex interessati bħala Kunsill li nieħdu sehem bi sħab mal-Università . Is-Sindku qal li dan hu proġett interessanti pero sostna li hu importanti li bħala Kunsill aħna ma nonfuqx flus u lanqas naħlu mir-riżorsi umani tagħna. Huwa saħaq ukoll li dan għandu jkun proġett tanġibbli li jgawdu minnu n-nies. Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu għall-aktar dettalji dwar il-proposta tal-proġett.

20.4.6 Inbagħtet emejl oħra mingħand Adriana Vella mill-Universita' ta' Malta fejn saqsiet biex bħala Kunsill tarax aħniex interessati f'proġett ieħor Italia-Malta. Is-Sindku qal li bħala proġett dan jidher interessanti ukoll għaliex bih inkunu nistgħu nedukaw lil pubbliku fuq id-Dwejra bħala Marine Protected Area bl-użu ta attivitatjiet għall-kull eta'. Is-Sindku sostna li anke f'dan il-proġett irridu naraw li dan ikun proġett li jgawdu n-nies minnu mingħajr ma l-Kunsill joħroġ flus u lanqas juża mir-riżorsi umani limitati tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu għall-aktar informazzjoni.

20.4.7 Emejl oħra rigward l-interess għall-proġett Italia-Malta, din id-darba kienet minn kumpanija privata konġunta mal-GTA. Il-proġett imsemmi jinkludi biex id-Dwejra isir Afforestation area. Is-Sindku spjega li ħafna mill-art tad-Dwejra hija privata allura dan il-proġett huwa diffiċli biex jitwettaq.

20.4.8 Inbagħtet emejl mingħand l-avukat Nadia Vella għal no objection lil klijent tagħħa biex ikun jista jopera bħala *hawker* fil-Pjazza tad-Dwejra. Is-Sindku qal li wara twaqqif tad-Dwejra Management Committee, qed isir studju fuq din il-materja kif għandha tiġi indirizzata. Is-Sindku qal li ma jagħmilx sens li l-Kunsill jagħti l-opinjoni tiegħu meta qed isiru studji dwar il-problema kbira tal-*hawkers* li teżisti fid-Dwejra. Għalhekk huwa ppropona li għandna nirrispondu billi ninfurmaw li l-Kunsill ser jistenna l-policy mid- Dwejra Management Committee qabel jagħti xi opinjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

20.4.9 Inbagħtet emejl mingħand Zuzana l-instructor tal-Pilates, fejn talbet li nerġgħu nagħmlu sessjonjiet ta' fitness bħad-drabi l-oħrajn. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nibdew is-sessjonijiet.

## 20.5 Ċittadinanza Onorarja

20.5.1 Is-Sindku propona li bħala Kunsill bħal ma ġara fil-passat għandna nkomplu nuru r-rikonoxximent tar-raħal billi nagħtu t-titolu ta' Cittadini Onorarji lil nies li ħadmu ħafna għar-raħal ta' San Lawrenz. Is-Sindku kompla jgħid li din iċ-ċerimonja tkun ideali kieku nagħmluha mal-inawgurazzjoni tal-Proġett tar-'Riġenerazzjoni tar-Raħal. Kien hemm qbil dwar dan. Wara s-Sindku propona l-ismijiet ta' dawk li għandhom jingħataw dan l-unur prestiġjuż din id-darba. L-ismijiet huma dawn

Kan. Mikiel Borg ex Kappillan ta' San Lawrenz għal kważi 30 sena

Mons. Daniel Xerri ex Kappillan ta' San Lawrenz għal tlett snin

Dun Injazju Borg ex Kappillan ta' San Lawrenz għal sebgħa snin

U s-Sinjura Lucienne Haber ex Segretarju Eżekuttiv għal kważi 22 sena.
Kien hemm qbil dwar dawn in-nomini u fl-istess waqt bdew uffiċċjalment jiġu magħrufa bħala Ċittadini Onorarji. L-investitura għandha ssir mis-Sindku nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2016 Il-kunsilliera qablu ukoll li dakinhar għall-inawgurazzjoni tal-proġett għandha tiġi mistiedna l- ET President ta' Malta biex tinawgurah. Il-Kunsill qabel ukoll li jinkariga lis-Sindku sabiex jintagħżlu u jinxtraw il-medalji.

## 20.6 Survey dwar l-andament tal-Kunsill

20.6.1 Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill nibgħatu survey lir-residenti biex niġbru informazzjoni u kummenti mingħandhom sabiex inkunu nistgħu ntejbu s-servizz li qed nagħtu liċ-ċittadini. Wara diskussjoni sar qbil li dan is-survey għandu jsir f'nofs din il-leġislatura.

## 20.7 Saturday Club

20.7.1 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li kellu laqgħa mas-Sinjura Sandra Portelli rigward is-Saturday Club. Hi ppproponiet li jkun hemm żewġ klassijiet, waħda ta' eta bejn sentejn u sitt snin u grupp ieħor ta' bejn sebgħa u tnax il-sena . F'dawn il-klassijiet se jsiru diversi crafts, readings u ħarġiet madwar ir-raħal. Sar qbil ligħandu jsir dan il-klabb u li jkun ħlas nominali għalih biex ikun hemm commitment.

## 20.8 European Week for Waste Reduction

20.8.1 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li għandna opportunita' li nieħdu sehem għall-darba oħra fil-EWWR. Wara diskussjoni sar qbil li nipparteċipaw billi jinġabbru ħwejjeġ u kotba użati biex jingħataw lil Caritas .Sar qbil ukoll li jinġabru t-tappijiet u jinbiegħu u l-qliegħ tagħhom jingħata lil Community Chest Fund. Minbarra hekk, il-crafts li se jsiru mit-tfal fis-Saturday Club se jiġu esibiti bħala parti mill-kampanja tal-EWWR.

## 20.9 Għażla tal-Playingfield equipment

20.9.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Perita fejn intagħżlu l-equipment. Huwa spjega lil Kunsilliera x'se jkun inkluż u ippropona ukoll li titneħħa parti mill-playhouse biex ikun hemm spazju fejn nagħmlu bandla 'mother and child'. Il-Kunsill qabel ma dan u mal-għażla tal-equipment. Is-Sindku issuġerixxa ukoll li jsir climbing wall għaż-żgħażagħ. Il-Kunsilliera Carmela Grima qalet li dan jista jkun ta periklu. Is-Sindku għarraf li kull apparat se jkun magħmul b'safety measures. Il-Kunsillier Joseph Cauchi issuġerixxa li fl-area tal-playingfield ikun hemm free wi-fi. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment. Il-Kunsillier Franco Buhagiar saqsa l-art x'tip ta materjal se jkun fejn is-

Sindku wieġeb li se tkun tar-rubber. Sar ftehim li jekk ikun għad-fadal spazju, issir passju mal-art.

## 20.10 Tiżjien tal-Milied

20.10.1 Is-Sindku ippropona li apparti t-tiżjien tas-soltu ta madwar il-pjazza, f'nofs tal-pjazza nagħmlu Christmas Trees ta qisien differenti fuq platform ħamra. Il-Kunsillier Anthony Formosa issuġġerixxa li l-platform togħla ftit il-fuq mill-art. Il-Kunsill qabel li jsir it-tiżjien imsemmi.

## 20.11 Website u Stationery designs għall-Kunsill

20.11.1 Is-Sindku issuġerixxa li nerġgħu nagħmlu updating tal-website tal-Kunsill u nqabbdu graphic designer sabiex nagħmlu designs ġodda għall-istationery. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir u għandna nibgħatu għall-stima.

## 20.12 Materja Oħra

20.12.1 Wara l-laqgħa li kellu s-Sindku mal-uffiċċjal tat-Transport Malta sar qbil li jsiru d-double yellow lines fi Triq it-Torri u jiġu estiżi ftit oħra sabiex makkinarju kbir ikun jista jdur sewwa. Sar qbil ukoll li jsiru d-double yellow lines ta' Daħlet Pawluzzu.

20.12.2 Is-Sindku issuġerixxa li nerġgħu nagħmlu ħarġa oħra għall-anzjani f' Novembru fejn imorru jieklu f'restaurant l-Imġarr u jilgħabu t-tombla. Il-Kunsillier Franco Buhagiar issuġerixxa ukoll li nagħmu ħarġa għall-Malta f'Diċembru. Il-Kunsill qabel ma dan u għandna noħorġu l-avviżi.

20.12.3 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li qassam il-pencil cases u ktejjeb u mappa tar-raħal bil-karattru Wenz u Xmejxa lil-istudenti tal-Primarja ta' San Lawrenz. Din itlaqgħet tajjeb ħafna tant li kien hemm talba sabiex ssir xi ħaġa simli liż-żgħażagħ ukoll. Is-Sindku kompla jgħid li tkun idea tajba li kieku intuhom pendrive jew powerbank. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nagħtu power bank liż-żgħażagħ.

20.12.4 Il-kunsillier Franco Buhagiar issuġerixxa li billi għad fadal bżonnhom, il-mobile toilets li jinsabu fid-Dwejra jibqgħu sal-aħħar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat lid-Direttur.

20.12.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa tad-Dwejra Management Committee ġiet diskussa l-idea ta electric bus li minn San Lawrenz tinżel għad-Dwejra. Hu qal li din tista' tkun idea tajba. Meta l-karrozza tal-Linja tad-Dwejra tieqaf fir-raħal u jkun hemm electric bus ġejja u sejra minn Pjazza San Lawrenz għall-pjazza tad-Dwejra jista' jkun li jiżdied il-kummerċ fir-raħal. L-intenzjoni tagħħa din hi li San Lawrenz ma jiqbax biss passaġġ li minnu n-nies jinżlu lejn id-Dwejra iżda jkun ta' attrazzjoni fejn in-nies jistgħu jieqfu jduru u japprezzaw ir-raħal u x'għandu x'joffri bħall-Knisja fost

oħrajn.  Il-Kunsillier Franco Buhagiar saqsa din tkunx private u bil-flus. Is-Sindku qal li fil-laqgħa mad-DMC għamel  żewġ kundizzjonjiet ċari jekk din tidħol fis-seħħ: waħda li ma tonqosx rotta lejn San Lawrenz, jiġfieri nibqgħu b'karrozza kull nofssiegħa u oħra li l-Electric bus tkun completely funded anke għall-upkeep mill-Gvern. Il-Kunsillier Carmela Grima qalet li hekk in-nies se jaħlu l-ħin ikollhom jieqfu darbtejn biex jinżlu d-Dwejra. Is-Sindku spejga li l-electric bus ser ikollha ħinjiet li tagħti ċans biex dawk li jieqfu jkollhom l-opportunita' li jgawdu wkoll r-raħal ta' San Lawrenz. Sar qbil li għandna ninfuraw uffiċċjalment lill DMC dwar din id-diskussjoni u t-talbiet tagħna.

20.12.6 Is-Sindku qal li hu bagħat emejl lil Hon. Evarist Bartolo MP fejn talbu biex issir laqħha biex  niddiskutu l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li kellu risposta dritt u hu u s-SE kellhom laqgħa mal-Prinċipal tal-iskola, rappreżentanti mill-FTS u il-perit tal-Kunsill. Huma ddiskutew id-devoluzzjoni tal-art għaċ-Ċentru Ċiviku u intweriet id-draft tal-pjanta. Huma qablu li l-proġett jidher interessanti u jaqblu mas-suġġerimenti tal-Kunsill. Qablu ukoll li għandna nagħmlu pjanta b'iktar dettalji u nerġgħu niltaqgħu.

20.12.7 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall fatt li l-magna tal-photocopier li għandna preżenti hi waħda li tipprintja *black and white* biss. Is-SE kompliet tgħid li minħabba diversi esigenzi fil-Kunsill, ikun xieraq li jkollna waħda tal-kulur fl-uffiċċju stess u mhux meta jkollna bżonn għall-kopji tal-kulur irridu nirrikorru għand stationery. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

20.12.8 Is-Sindku informa lil Kunsill li kellu diversi ilmenti minħabba li l-borża s-sewda tinġabar is-Sibt b'qabża kbira bejn it-Tnejn u s-Sibt. Hu irrakomanda li niftemhu mal-Kunsill tal-Għarb u tal-Għasri sabiex il-borża s-sewda tinġabar it-Tnejn u l-Ħamis u is-Sibt ma jinġabar xejn. Il-Kunsill qabel li nagħmlu hekk.

20.12.9 Is-SE infurmat lil Kunsilliera li reġa wasal iż-żmien li tingħata l-*flu vaccine*. Il-Kunsill qabel li inqabbdu lil Dr. Cutajar u jara hu meta jkun jista jagħti l-labar lir-residenti.

20.12.10 Is-SE ippreżentat l-Agreement tal-Green MT għall-Iskart Separat. Sar qbil li jibqa' l-istess bħas-sena l-oħra u għandu jiġi iffirmat.

20.12.11 Is-SE infurmat lil Kunsilliera dwar il-performance bonus ta' Lucienne għas-sena 2016. Il-Kunsill qabel unimament li tingħata l-massimu, jiġifieri 10%.

20.12.12 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li tkellem ma Alex Goeby u saqsieħ fejn wasalna rigward is-signage marbut mal-proġett tad-Dimentia Friendly Village fir-raħal. Is-Sindku qal li s-signage huwa parti mit-tender u għalhekk irridu nagħmlu kuntatt mal-perita biex naraw fejn wasalna.

20.12.13 Is-Sindku ippropona li din is-sena jekk naqblu mal-Kumitat tal-festa l-fiera tad-Dundjani ssir parti minn Swejjaq li nagħmlu b'tema tal-Milied. Is-Sindku kompla jgħid li tkun idea tajba li kieku jinġabu l-istalls tal-injam tal-Mall ir-Rabat. Il-Kunsilliera Carmela Grima issuġġeriet inġibu s-siġġijiet u imwejjed miċ-Ċentru biex niffrankaw il-flus. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li issir il-fiera tad-Dundjani u Swejjaq tal-Milied fl-4 ta' Diċembru 2016.

20.12.14 Is-SE issuġġeriet li hemm il-bżonn li jinxtara laptop biex jintuża għall-ħaddiema klerikali. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

## 20.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

20.13.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti.

## 20.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.14.1 Il-laqgħa intemmet fl-21:00 u ġiet aġġornata għall-17 ta' Novembru 2017 fl-16:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv